17 ta' Ġunju, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Onor. Edgar Cuschieri, O.B.E., ne. et.**

***versus***

**Perit Joseph Zammit Bonett, B.E. & A., A. & C.E., et**

**"War Damage Commission" — Nomina ta' Perit — Sentenza — Digriet Interlokutorju — Appell — Provi — Spejjeż Ġudizzjarji.**

*Pronunċjament li bih il-Qorti tinnomina perit huwa ta' indoli istruttorja u jirrigwarda biss l-ammissibilità tal-prova permezz ta' dik in-nomina; għaldaqstant pronunċjament simili huwa digriet nterlokutorju, u mhux sentenza definitiva, u l-appell magħmul minn dak il-pronunċjament hu magħmul sewwa meta sar permezz ta' rikors, u mhux bil-proċedura tan-nota u l-petizzjoni.*

*Il-fatt li dak il-pronunċjament ikun għamel riżerva dwar il-kap ta' l-ispejjeż ikompli juri li dak il-pronunċjament huwa biss digriet interlokutorju.*

*Huwa veru li, barra mill-każijiet speċifikati fil-liġi, id-deċiżjonijiet tal-War Damage Commission huma insindakabili, lanqas mill-Qorti. Iżda dan hu minnu sakemm dik il-Kummissjoni teżerċita l-poteri tagħha legalment fis-sustanza u fil-forma u skond ir-regoli tal-ġustizzja naturali; b'mod li deċiżjoni ta' dik il-Kummissjoni ssir sindakabili meta dawk il-limiti ma jiġux osservati. Għaldaqstant, il-Qorti tista' tinnomina perit biex jirrelata jekk il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha tkunx segwiet dawk il-kriterji tracċjati u mposti mill-liġi, speċjalment meta dik in-nomina ssir mingħajr preġudizzju ta' l-insindakabilità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ li jiġi aċċertat li fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma hemmx vjolazzjoni tal-liġi.*

*U l-Qorti ta' l-Appell, skond ġurisprudenza kostanti u paċifika tagħha, ma tindaħalx fid-diskrezzjoni tal-Qorti ta' l-Ewwel Istanza f'kull ma jirrigwarda r-regolament tal-provi, sakemm ma jkunx xi każ ta' vjolazzjoni tal-liġi u ta' preġudizzju sostanzjali għal xi ħadd mill-kontendenti.*

Il-Qorti—Fuq it-talba tal-konvenut quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili biex jiġi nominat perit tekniku sabiex jivverifika d-danni mitlubin mill-atturi;

Rat il-verbal fol. 78, minnejn tirriżulta l-oppożizzjoni tal-atturi għal din in-nomina;

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dik il-Qorti fit-12 ta' Frar, 1955, li biha, mingħajr preġudizzju ta' l-eċċepita insindakabilità fil-każ li jiġi aċċertat li ma hemmx f'dik id-deċiżjoni l-allegata vjolazzjoni tal-liġi, laqgħet it-talba tal-konvenut u nnominat bħala perit tekniku, a spejjeż provviżorjament ta' l-atturi, lill-A.I.Ċ. Albert E. Vassallo, anki jekk għandu żewġ perizji, peress li n-numru tal-periti ta' dina l-ispeċjalità huwa limitat, biex jirrelata, għal issa, jekk l-ammont pretiż mill-atturi ġiex stabbilit skond il-kriterji preskritti mill-liġi, u dan wara li jieħu in konsiderazzjoni l-aggravju lamentat mill-konvenuti u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ........; wara li kkunsidrat;

Illi l-atturi qegħdin joppomu ruħhom għan-*nomina* tal-perit għaliex id-deċiżjoni meħuda mill-War Damage Commission hija insidakabili anki fl-ammonti minnha stabbiliti, u li tagħhom qegħedha tintalab ir-rifużjoni f'dina l-kawża;

Illi huwa veru li, barra milli fil-każi specifikati mill-liġi, *id-deċiżjonijiet* ta' l-imsemmija Kummissjoni huma insindakabili, lanqas mit-tribunali; iżda dana sakemm dik il-Kummissjoni teżerċita l-poteri tagħha legalment fis-sustanza u fil-*forma u skond ir-regoli* tal-ġustizzja naturali. Għalhekk id-*deċiżjoni tagħha ssir sindakabili* meta dawk il-limiti ma jiġux osservati (ara f'dan is-sens Kollez. XXXII-II-317);

Illi, biex wieħed jara jekk dina l-*Qorti tistax teżamina* d-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni, hemm bżonn li tara x'inhija l-pretensjoni li għaliha l-konvenuti ma jridux joqgħodu għal dik id-deċiżjoni. L-atteġġjament tagħhom jirriżulta ċar mill-aggravji minnhom sottomessi meta b'rikors tal-10 ta' Ottubru, 1950 huma impunjaw dik id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell. Hemmhekk huma allegaw illi "il-pagament li għandu jsir mill-Kummissjoni huwa ħlas ta' nefqa ta' xogħlijiet, u dana għandu jitqies skond l-art. 19 tal-Ordinanza III ta' l-1943, u preċiżament skond l-art. 19 (1) (a) u tat-tieni paragrafu tan-numru 3 tal-istess artikolu. Fil-kalkolu li għamlet il-War Damage Commission ma ġietx applikata r-regola stabbilita mid-disposizizzjoni *ċitata*, *ċjoe'* li l-prezzijiet tal-irkaptu u rati ta' ħlas tal-ħaddiema għandhom ikunu skond is-suq fiż-żmien li x-xogħolijiet saru". U komplew allegaw illi "il-Kummissjoni segwiet *kriteri kuntrarji* għal dawk preskritti mill-liġi, ċjoe' l-avviż maħruġ mill-Building Control Board fid-29 ta' Mejju, 1945, liema avviż ġie maħruġ skond l-art. 19, liema kriterju hu espressament stabbilit mill-art. 19". U għall-daqstant, minħabba l-interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-konvenuti talbu illi dik id-deċiżjoni tiġi revokata, "billi jiġi deċiż li l-qisien u l-prezz tax-xogħol għandhom, skond l-art 19, jiġu stabbiliti fuq il-prezzijiet u l-kriterji indikati fl-avviż Nru. 1 tad-29 ta' Mejju, 1945, u kwalunkwe avviż ieħor maħruġ mill-Board dwar l-infieq fil-bini in vigore fiż-żmien li sar ix-xogħol";

Illi l-Onorevoli Cuschieri u Carmelo Mallia, imħarrkin f'dak l-appell, irrispondew illi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma kienetx appellabili, u lanqas sindakabili mill-Qrati, għaliex meħuda bis-saħħa tal-poteri diskrezzjonali li bihom tinsab investita bħala "quasi judicial body", u nvokaw favur tagħhom id-deċiżjoni l-lum riportata fil-Kollezzjoni, Vol. XXXII-II-317, ġa fuq riferita; u komplew jgħidu li jekk jidhrilhom l-appellanti li ġew vjolati l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, kellhom jimpunjaw id-deċiżjoni bil-proċedura ordinarja quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Reġina;

Illi l-Qorti ta' l-Appell, wara li semgħet it-trattazzjoni, ħalliet l-imsemmi rikors "sine die" fuq id-dikjarazzjoni magħmula mill-appellati Cuschieri u Mallia li sejrin jipproċedu għall-ħlas tas-somma ndikata fir-rikors bil-mod li trid il-liġi; u billi l-appellati ma ċċaqalqux, l-appellanti talbu r-riappuntament fuq rikors tagħhom, u fis-26 ta' Ottubru, 1953, il-Qorti pprefiġġiet lill-appellati xahar żmien biex jiddeduċu l-pretensjoni tagħhom skond kif imsemmi fil-verbal ta' qabel; u effettivament huma ppreżentaw iċ-ċitazzjoni relativa fl-24 ta' Novembru sussegwenti;

Illi minn dana jidher li l-inċident tal-ħlas tal-ammont in kwistjoni ġie miġjub quddiem dina l-Qorti biex jiġi verifikat jekk skond il-liġi huwiex dovut jew le fl-interezza tiegħu; il-pożizzjoni tal-partijiet, għalkemm invertita, baqgħet dejjem l-istess; u għandu jiftiehem illi l-konvenuti għadhom isostnu, anki f'din il-kawża, illi l-Kummissjoni nterpretat u applikat ħażin il-liġi, u li d-diskrepanza l-lum konstatata fl-indennizz ġa mħallas minnha hija dovuta għall-fatt li ma ġewx segwiti mill-Kummissjoni l-kriterji traċċjati u mposti mill-liġi;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi, almenu skond l-allegazzjoni tal-konvenuti, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni vvjolat il-liġi, in kwantu ma ffissatx l-ammont tal-ħlas fil-limiti stabbiliti mir-regolamenti, *u konsegwentement hemm bżonn li jiġi verifikat* jekk fil-fatt dina l-vjolazzjoni tal-liġi saretx jew le;

Rat ir-rikors ta' l-atturi nomine quddiem din il-Qorti, fejn talbu li l-imsemmija deċiżjoni tat-12 ta' Frar, 1955, tiġi revoka-

ta, billi tiċħad it-talba fuq riferita tal-konvenuti għan-nomina ta' perit; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Rat ir-risposta tal-imsejjaħ fil-kawża Calcedonio Ciantar, li qal li ma għandu ebda nteress f'dan l-appell;

Rat is-sentenza mogħtija min din il-Qorti fid-9 ta' Mejju 1955, li biha ġiet milqugħa t-talba ta' l-appellanti nomine, kontenuta fir-rikors tagħhom tad-29 ta' Marzu u tas-16 ta' April 1955 (fol. 109 u 113 tal-proċess), u għalhekk ordnat l-isfilz tar-risposti tal-appellati Periti Zammit Bonett u Professur Colombo, u Patri Pietro mill-Furjana nomine, ......;

Rat il-verbal meħud fis-seduta tad-9 ta' Mejju 1955, meta jidher li l-appellati Zammit Bonett, Colombo, u Parti Pietro mill-Furjana nomine issollevaw l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-appell, billi ġie magħmul permezz ta' rikors, mentri kellu jsir b'nota u petizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-appell, kif sollevata bl-imsemmi verbal tad-9 ta' Mejju 1955;

Illi għad-definizzjoni ta' din l-eċċezzjoni hemm bżonn li jiġi stabbilit jekk id-deċiżjoni li minnha hemm dan l-appell hijiex digriet interlokutorju jew sentenza definitiva. Jekk hija digriet interlokutorju l-appell ġie mressaq sewwa permezz ta' rikors (art. 227 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili); jekk hija sentenza definitiva, il-proċediment messu sar b'nota u b'petizzjoni (art. 224 (2) u 141 (1) tal-Kodiċi ċitati);

Għalkemm fil-liġi ma nsibux definizzjoni ta' digriet interlokutorju u ta' sentenza definitiva, iżda, kif sostniet din il-Qorti, "è notorio che la distinzione tra sentenza definitiva e decreto interlocutorio non è semplice quistione di parole, dacchè importa bene distinguere i vari ordini di pronunciamenti giudiziari, non solo in relazione all'appello o agli altri mezzi di impugnazione, ma anche per sè stessi, siccome il loro contenuto misura l'esercizio della giurisdizione e determina la loro efficacia e forza in futuri giudizi nell' identico soggetto in riguardo all'ammissibilità o meno della eccezione di cosa giudicata. Poichè mentre la sentenza definitiva fa cessare la giurisdizione del tribunale che l'avesse pronunciata, e porge le basi alle eccezioni della cosa giudicata, i decreti in-

terlocutori, per legge espressa, non formano giudicato per la Corte che li avesse pronunciati, quando le si dimostra una giusta causa per dipartirsene ...... Invero, il proprio e distintivo carattere della sentenza definitiva è quello per cui viene definita una quistione riguardante l'azione, il merito o la procedura, talmente che nessun'altra sentenza sulla quistione definita può essere pronunziata dallo stesso tribunale dopo che si fosse pronunziato su tale quistione" (Kollez. Vol. XXIV-I-582; Vol. XXVIII-I-164; u Vol. XXXI-I-192);

Il-Mattirolo (Diritto Giudiziario, Vol. IV, no. 26, pag. 26) ifisser id-distinzjoni bejn sentenza definitiva u digriet interlokutorju, u jgħid hekk: "Che in dottrina le sentenze che risolvono una controversia sussistente fra le parti si dividono in 'definitive' e 'interlocutorie', secondo che pongono termine al giudizio ovvero non pongono fine, e si pronunziano nel corso di esso, mentre la causa procede verso il suo naturale componimento";

Din id-dottrina giet segwita minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-29 ta' April 1925, in re "Tabone vs. Borg Olivier" (Kollez. Vol. XXVI-I-115), li rriteniet li "una sentenza è definitiva quando 'terminat negotium de quo agitur', ed è interlocutoria quando 'non terminat negotium principale et aliam post se expectat sententiam'." U kompliet tgħid li s-sentenzi definitivi huma dawk li jiddeċidu u jaqtgħu definitivament il-meritu tad-domandi proposti fil-gudizzju, u dawk li jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju. B'sentenzi oħra ta' din il-Qorti gie assodat li fil-gurisprudenza tagħha jidħlu taħt l-isem ta' "digrieti interlokutorji", u għandhom jitqiesu bħala tali, "le ordinanze della Corte preparatorie ed ordinatorie della lite, ossia i provvedimenti riguardanti l'istruzione della causa e la procedura, che sogliono chiamarsi 'preparatorie', e quelle che regolano o determinano le prove relative al merito sotto giudizio, e che chiamansi 'ordinatorie' " (Kollez. Vol. XXIII-I-613; Vol. XXIV-I-582; Vol. XXVI-I-164; Vol. XXXIV-I-209; u Appell 27 ta' Mejju, 1946, in re "Vassallo vs. Bonello", u 27 ta' Gunju, 1949, in re "Fenech vs. Vella");

Ikkunsidrat;

Illi bid-deċiżjoni appellata l-Ewwel Qorti, billi riedet teżamina jekk, skond l-allegazzjoni tal-konvenuti, il-War Damage Commission ivvjolatx il-liġi, għaddiet għan-nomina ta' perit biex jirrelata jekk l-ammont pretiż mill-atturi ġiex stabbilit skond il-kriterji preskritti mill-liġi, wara li jkun ħa in konsiderazzjoni l-aggravju lamentat mill-konvenuti, u biex jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li l-każ jissuġġerixxi. L-Ewwel Qorti ammettiet dik il-prova permezz ta' periti non ostanti l-oppożizzjoni tal-atturi, u dik id-deċiżjoni hi ta' indoli istruttorja, u tirrifletti biss l-ammissibilità tal-prova offerta u mitluba mill-konvenuti;

Bis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu, 1932, in re "Zammit vs. Debattista" (Kollez. Vol. XXVIII-I-266), din il-Qorti sostniet hekk: "La decisione riflettente l'ammissibilità di prove in genere o di certe prove in ispecie non può costituire che un decreto interlocutorio, perche è pur sempre un'ordinanza della Corte riguardante l'istruttoria del giudizio. Certamente il merito potrebbe essere eventualmente compromesso dal rigetto delle prove in genere o di una prova particolare, ma ciò non può mai significare di costituire tale pronunciamento una sentenza quando il merito non è per nulla deciso......... Che nel caso in ispecie la Prima Corte decise unicamente essere inammissibile la prova orale senza aver profferito alcun pronunciamento sul merito; per cui tale decisione non può considerarsi, almeno secondo la patria legge, una sentenza, molto più che la Prima Corte non è vincolata dalla detta decisione, ma può durante le more del giudizio, revocarla 'contrario imperio' ";

Hu indubitat li d-deċiżjoni appellata mhix minn dawk li "terminant negotium de quo agitur", li hi karatteristika tas-sentenzi definitivi (Kollez. Vol. XXXII-I-624, u Appell 15 ta' Frar, 1954, in re "Tabone vs. Mifsud"). L-appellati, in sostenn tal-eċċezzjoni tagħhom, issottomettew ukoll li d-deċiżjoni appellata għandha titqies bħala sentenza definitiva għaliex ippreġudikat il-meritu. Il-Qorti mhix sejra tidħol biex tistabbilixxi jekk kienx hemm dak l-allegat preġudizzju; iżda anki kieku kien hekk, il-konklużjoni li jridu jiġbdu l-kon-

venuti appellati mhix ammissibili. Infatti, fis-sentenza *fuq imsemmija in re 'Tabone vs. Borg Olivier"* (Vol. XXXVI-I-115) jinghad li fost id-digrieti interlokutorji hemm "le interlocutorie *'stricto sensu'*, o propriamente dette, e sono quelle che, sebbene non risolvano definitivamente la quistione di merito, pure la possono pregiudicare in qualche parte; tali sono quelle che ammettono o respingono una prova contrastata tra le parti, dacchè il guidice, nel risolvere l'*incidente*, deve esaminare il merito della quistione principale, ed il suo pronunciamento, sia che ammetta, sia che respinga la prova, eserciterà necessariamente una influenza sulla quistione principale";

*Argument iehor* li d-deċiżjoni appellata hija digriet interlokutorju jingibed mill-fatt tar-riżerva tal-ispejjeż maghmula b'dik id-deċiżjoni; billi, kieku kienet sentenza definitiva, l-ispejjeż messhom ġew deċiżi (art. 221 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

Ghaldaqshekk, in bażi ghad-dottrina u ghall-ġurisprudenza fuq ċitata, id-deċiżjoni appellata hija digriet interlokutorju, u kwindi l-appell sar sewwa permezz ta' rikors. Konsegwentement, l-eċċezzjoni tan-nullità miġjuba l-quddiem mill-appellati Perit Zammit Bonett, Professur Colombo, u Patri Pietro mill-Futjana nomine, bl-imsemmi verbal tad-9 ta' Mejju, 1955, (fol. 120), ma tistax tiġi milqugha;

Ikkunsidrat, fuq il-meritu tal-appell;

Illi l-appellanti qeghdin jitolbu r-revoka tad-digriet fuq imsemmi tat-12 ta' Frar, 1955, li bih ġie nominat perit ghall-finijiet fl-istess digriet imsemmijin. Dik in-nomina ġiet ordnata ghaliex l-Ewwel Qorti hasset il-bżonn tal-prova relativa biex tkun tista' tasal ghad-deċiżjoni tal-meritu nvolut fil-kawża, mehudin in konsiderazzjoni anki l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti. U hija ġurisprudenza paċifika u kostanti ta' dina l-Qorti li ma tindahalx fid-diskrezzjoni tal-Qrati tal-Ewwel Istanza f'kull ma jirrigwarda r-regolament tal-provi, jekk ma jkunx xi każ ta' vjolazzjoni tal-liġi u ta' preġudizzju sostanzjali ghal xi hadd mill-kontendenti (Vol. XXXI-I-128, u Vol. XXXII-I-17). F'dan il-każ la hemm dik il-vjolazzjoni tal-liġi, u lanqas dak il-preġudizzju, speċjalment in vista

li l-imsemmija nomina ta' perit ġieт espressament magħmula mingħajr preġudizzju ta' l-eċċepita insindakabilità fil-każ li jiġi aċċertat li ma hemmx f'dik id-deċiżjoni l-allegata vjolazzjoni tal-liġi;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tirrespinġi l-imsemmija eċċezzjoni tan-nullità sollevata mill-konvenuti Perit Zammit Bonett, Professur Colombo u Patri Pietro mill-Furjana nomine; bl-ispejjeż kontra tagħhom;

U *tirrespinġi* l-appell u *tikkonferma* d-digriet appellat; bl-ispejjeż kontra l-appellanti nomine.